DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Mejju 2014

dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' *data* fir-rigward ta' *Data* dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fl-Ungerija

(2014/264/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 25 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI ([2]), b'mod partikolari l-Artikolu 20 u l-Kapitolu 4 tal-Anness tagħha,

Billi:

(1) Skont il-Protokoll dwar id-Dispożizzjonijiet Transitorji anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-effetti ġuridiċi tal-atti tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona huma ppreservati sakemm dawk l-atti jiġu rrevokati, annullati jew emendati fl-implimentazzjoni tat-Trattati.

(2) Għaldaqstant, l-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI huwa applikabbli u l-Kunsill għandu jiddeċiedi b'mod unanimu jekk l-Istati Membri implimentawx id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6 ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) L-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI jipprevedi li d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI għandhom jittieħdu abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni bbażat fuq kwestjonarju. Fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat tad-*data* konformement mal-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun ibbażat ukoll fuq żjara ta' evalwazzjoni u prova pilota.

(4) Skont l-Kapitolu 4, il-punt 1.1. tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-kwestjonarju mfassal mill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill jikkonċerna kull wieħed mill-iskambji awtomatizzati tad-*data* u għandu jitwieġeb minn Stat Membru hekk kif huwa jqis li huwa jissodisfa l-prerekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-*data* fil-kategorija rilevanti ta' *data*.

(5) L-Ungerija lestiet il-kwestjonarju dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-kwestjonarju dwar id-*Data* dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD).

(6) L-Ungerija wettqet b'suċċess prova pilota mal-Pajjiżi l-Baxxi.

(7) Saret żjara ta' evalwazzjoni fl-Ungerija u sar rapport dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni mill-grupp ta' evalwazzjoni Olandiż/Litwan u ntbagħat lill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill.

(8) Ġie ppreżentat lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jagħti sintesi tar-riżultati tal-kwestjonarju, iż-żjara ta' evalwazzjoni u l-prova pilota li jikkonċernaw il-VRD,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' tiftix awtomatizzat ta' *data* dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi (VRD), l-Ungerija implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI u hija intitolata li tirċievi u tipprovdi *data* personali skont l-Artikolu 12 ta' dik id-Deċiżjoni mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.
([2]) ĠU J L 210, 6.8.2008, p. 12.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2014.

Għall-Kunsill
Il-President
G. STOURNARAS